MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 124/2011

**Massimo Cremona (Karta ta' l-Identità bin-Numru 333273M)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Massimo Cremona fit-28 ta' Marzu 2011, permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jiddikjara li t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' €21,707 rapprezentanti dazju fuq importazzjoni ta' *frozen boneless beef* impurtat fl-2005 u fl-2006, avvanzata kontra tieghu hija infondata, u dana minghajr pregudizzju ghall-fatt li huwa jhallas l-ammont mitlub mill-Kummissarju a saldu ta' kull pretensjoni ulterjuri u kull azzjoni ohra, inkluz *inter alia* proceduri legali, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra id-dokumenti esebiti mir-Rikorrent mar-Rikors promotur u markati Dok. “A” u Dok. “B” a fol. 4 sa’ 13 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi pprezentata fit-2 ta’ Mejju 2011, permezz ta’ liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li t-talba minnu avvanzata kontra tieghu hija fondata fil-fatt u fid-dritt u l-argument tar-Rikorrent li huwa qed jaghti interpretazzjoni differenti minn dik tar-Rikorrent fir-rigward ta’ l-Artikolu 62 tal-Kap.37 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa insostenibbli;

Ra d-dokumenti esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi flimkien mar-Risposta tieghu u markati Dok. “KD” sa’ Dok. “KD5” a fol. 20 sa’ 30 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tat-2 ta’ Gunju 2011, it-Tribunal *ex officio* issolleva l-kwistjoni dwar jekk ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jisma’ u jiddeciedi dan il-kaz stante li jidher li l-kontestazzjoni tar-Rikorrent hija ghat-talba maghmula fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi, già Kontrollur tad-Dwana, permezz ta’ ittra ufficjali mahruga ai termini ta’ l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni tat-Tribunal biex jisma’ u jiddeciedi dan il-kaz;

Ra li r-Rikors thalla ghad-decizjoni dwar din il-kwistjoni partikolari;

**Ikkonsidra:**

Bil-procedura odjerna r-Rikorrent jitlob li t-Tribunal jiddikjara li t-talba avvanzata kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi, già Kontrollur tad-Dwana, bl-ittra ufficjali datata 20 ta’ Novembru 2009[1], ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ €21,707 rapprezentanti dazju fuq

[1] Dok. “KD” a fol. 20 tal-process.

importazzjoni ta' *frozen boneless beef* impurtat fl-2005 u fl-2006, hija infondata, u dana bla pregudizzju ghall-fatt li r-Rikorrent ihallas l-ammont mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi a saldu ta' kull pretensjoni ohra u ta' kull azzjoni ohra, inkluz *inter alia* proceduri legali. Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi ghat-talba tar-Rikorrent fil-meritu u jitlob li l-istess tigi michuda in bazi ghall-kontestazzjoni li t-talba tieghu ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' €21,707 hija fondata fil-fatt u fid-dritt u li *l-argument tar-rikorrent li l-esponent qed jaghti interpretazzjoni differenti minn dik tar-rikorrent fir-rigward ta' l-Artikolu 62 tal-Kap.37 hija insostenibbli*[2].

Ghalkemm il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi ghat-talba tar-Rikorrent fil-meritu, it-Tribunal *ex officio*[3] issolleva l-kwistjoni dwar jekk ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jisma' u jiddeciedi l-kaz intavolat quddiemu mir-Rikorrent stante li jidher li l-proceduri odjerni gew istitwiti in segwitu u b'risposta ghall-ittra ufficjali tal-Kummissarju tat-Taxxi, già Kontrollur tad-Dwana, mahruga ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 20 ta' Novembru 2009. F'dan ir-rigward huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *l-inkompetenza hi sollevabbli "ex officio" meta ghar-raguni ta' materja tal-kawza ma tkunx ta' kompetenza tat-tribunal adit (Emmanuele Vella v. Raffaela Barbara, Appell Civili, 31 ta' Mejju 1957; Patrick Grixti Soler v. Vincent Sultana, Appell Civili, 27 ta' Marzu 1981). Dan ghar-raguni illi l-kompetenza ratione materia hi ta' ordni pubbliku (Vol. XXIX pII p468), u din allura lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet (Carmelo Degiorgio noe v. George Farrugia, Appell Civili, 8 ta' Mejju 1981)*[4].

---

2 Risposta tal-Kontrollur tad-Dwana (illum Kummissarju tat-Taxxi) a fol. 17 u 18 tal-process.

3 Vide verbal tas-seduta tat-2 ta' Gunju 2011, fol. 33 tal-process.

4 John Spiteri et v. Stephanie Spiteri pro et noe, Appell Civili Nru. 23/99 deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Dicembru 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003, Sea Services Limited v. Paul Aquilina, Citaz. Nru. 539/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001 u Joe Borg Olivier pro et noe v. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xoghol u Familja, Rik. Nru. 79/11, sentenza parzjali pronuncjata mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fis-26 ta' Settembru 2011.

B'hekk it-Tribunal kien fid-dmir li *ex officio* jissolleva l-kwistjoni dwar il-gurisdizzjoni tieghu li jisma' u jiddetermina dan il-kaz, u ghalhekk ghandu jghaddi biex jaghti decizjoni fir-rigward.

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghat-Tribunal bis-sahha ta' l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Kaptiolu tal-Ligi, it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva, fil-kaz in ezami huwa xieraq u necessarju li l-kwistjoni dwar jekk it-Tribunal ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jisma' u jittratta l-kaz intavolat quddiemu mir-Rikorrent, tigi deciza qabel ma jigi trattat il-mertu proprio tal-kaz.

Qabel ma t-Tribunal jittratta l-kwistjoni jekk ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jisma' u jiddeciedi l-kaz in ezami, jehtieg li jindirizza bidla li dahlet fis-sehh bis-sahha ta' l-Att XXII ta' l-2011 li jipprovdi ghat-twaqqif tal-kariga ta' Kummissarju tat-Taxxi, liema bidla teffettwa l-proceduri in ezami.

L-Artikolu 3(1) ta' l-imsemmi Att jipprovdi li *ghandu jkun hemm Kummissarju tat-Taxxi li jkun il-kap tad-dipartimenti tat-taxxa u li jkun mahtur mill-Prim' Ministru.* A tenur ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att "dipartiment tat-taxxa" tfisser *id-Dipartiment tat-Taxxi Interni, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u d-Dipartiment tad-Dwana*. Is-subartikoli 3 u 5 ta' l-Artikolu 3 ulterjorment jipprovdu li *mad-dhul fis-sehh ta' dan l-Att* (l-20 ta' Jannar 2012 – Avviz Legali 16 ta' l-2012) *u minkejja kull ligi ohra, il-funzjonijiet kollha vestiti fil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fil-Kontrollur tad-Dwana taht l-atti tat-taxxa ghandhom jigu trasferiti lill-Kummissarju u jigu ezercitati minnu* u li *l-Kummissarju ghandu jkollu r-rappreżentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti gudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni ohra li d-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet*

*delegata skond is-subartikolu (4).* In fine l-Artikolu 5 ta' l-Att jipprovdi li *mad-dhul fis-sehh ta' dan l-Att u minkejja kull ligi ohra, kull referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ghall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghall-Kontrollur tad-Dwana fl-atti tat-taxxa ghandha tinqara u tiftiehem bhala referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi*[5].

Fid-dawl ta' dak provdut fl-imsemmija Artikoli ta' l-Att XXII ta' l-2012, partikolarment fl-Artikolu 5 ta' l-Att, huwa evidenti li b'effett mill-20 ta' Jannar 2012 – id-data tad-dhul fis-sehh ta' l-imsemmi Att – il-funzjoni tal-gbir tad-dazju fuq importazzjoni tinsab vestita fil-Kummissarju tat-Taxxi u ghaldaqstant illum huwa il-Kummissarju tat-Taxxi, u mhux iktar il-Kontrollur tad-Dwana, li huwa l-legittimu kontradittur tar-Rikorrent f'dawn il-proceduri. Fid-dawl ta' dan ghalhekk l-atti ta' dawn il-proceduri, inkluz ghalhekk ir-Rikors promotur u r-Risposta relattiva, u l-okkju tal-kaz ghandhom jigu korretti fis-sens illi kull fejn hemm referenza ghall-Kontrollur tad-Dwana din tigi kancellata u tigi sostitwita bil-kliem Kummissarju tat-Taxxi. Ghaldaqstant it-Tribunal jordna li ssir il-korrezzjoni mehtiega kif premess fl-okkju tal-kaz, fir-Rikors pormotur, fir-Risposta relattiva u fl-atti l-ohra kollha ta' dawn il-proceduri.

Sorvolati dawn il-kwistjonijiet jehtieg issa tigi indirizzata l-kwistjoni dwar jekk it-Tribunal ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jisma' u jiddeciedi l-proceduri istitwiti quddiemu mir-Rikorrent permezz tar-Rikors ipprezentat fit-28 ta' Marzu 2011.

Mir-Rikors promotur jirrizulta car li l-proceduri quddiem dan it-Tribunal gew istitwiti mir-Rikorrent wara li gie notifikat b'ittra ufficjali tal-Kummissarju tat-Taxxi, già Kontrollur tad-Dwana, mahruga ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 20 ta' Novembru 2009, bis-sahha ta' liema gie interpellat ihallas is-somma komplessiva ta' €21,707 rapprezentanti *dazju fuq importazzjoni ta' frozen boneless beef impurtat fl-2005 u l-*

[5] Sottolinear tat-Tribunal.

*2006. Dan l-ammont hu dovut in kwantu ghal Eur15,877 dovuti fuq l-importazzjoni kif tidher fil-fattura numru 6128, u in kwantu ghal Eur5830 dovuti fuq importazzjoni kif tidher fil-fattur numru 7088*[6]*.* In effetti, kif già iktar 'l fuq osservat, b'dawn il-proceduri r-Rikorrent qed jikkontesta l-interpellazzjoni ghall-hlas avvanzata kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi b'dik l-ittra ufficjali u jitlob li tali talba ghall-hlas tigi dikjarata infondata.

Ghalkemm il-mod ta' kontestazzjoni ghal interpellazzjoni maghmula bis-sahha ta' ittra ufficjali mahruga ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jinsab ben definit fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, ossia li d-debitur fi zmien ghoxrin gurnata min-notifika lilu ta' l-ittra ufficjali jipprezenta rikors quddiem il-Qorti permezz ta' liema jitlob li t-talba ghall-hlas da parte tal-Kap ta' Dipartiment tal-Gvern koncernat tigi dikjarata bhala infondata, ir-Rikorrent jikkontendi li peress illi l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Novembru 2009 tikkostitwixxi att amministrattiv da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi, huwa seta' jikkontesta dik l-interpellazzjoni kemm bil-procedura quddiem il-Qorti kompetenti ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll bi proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva a tenur tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt ghamel.

Il-Kummissarju tat-Taxxi da parte tieghu jikkontendi li ladarba l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghal procedura *ad hoc* ghall-kontestazzjoni ta' ittra ufficjali mahruga ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, ir-Rikorrent necessarjament kellu jikkontesta l-interpellazzjoni ghall-hlas tieghu b'dik il-procedura u mhux permezz ta' proceduri quddiem dan it-Tribunal. Apparte minhekk il-Kummissarju ta-Taxxi jikkontendi wkoll illi fi kwalunkwe kaz il-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta – l-Ordinanza tad-Dwana – ma tipprovdi ghal ebda rikors quddiem dan it-Tribunal da parte ta' persuna li thossha aggravata, u b'hekk tkun trid tikkontesta, talba tal-Kummissarju tat-Taxxi ghall-hlas ta' dazju.

[6] Dok. "KD" a fol. 20 tal-process.

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm il-Kap.37 tal-Ligijiet ta' Malta ma jipprovdix ghad-dritt ta' persuna li thossha aggravata b'decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi – inkluza decizjoni dwar il-imposizzjoni ta' dazju fuq importazzjoni – li tirrikorri ghal quddiem dan it-Tribunal biex tikkontesta dik id-decizjoni, tali dritt però jemani b'mod specifiku mill-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta – l-Att dwar id-Dazji ta' l-Importazzjoni – fejn fl-Artikolu 9 ta' dak l-Att hemm dispost li *kull persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni tal-Kummissarju, ghandha minnufih taghmel talba bil-miktub lill-Kummissarju ghar-revizjoni ta' dik id-decizjoni. Din it-talba ghandha tintbaghat lill-Kummissarju fi zmien tletin gurnata min-notifika ta' dik id-decizjoni. Jekk ma ssir ebda talba ghal revizjoni fi zmien tletin gurnata, il-persuna titqies li tkun accettat id-decizjoni. Fil-kaz li l-persuna msemmija fis-subartikolu (1) tibqa' thoss ruhha aggravata bid-decizjoni finali tal-Kummissarju, dik il-persuna jkollha dritt ta' appell lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva stabbilit fl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Gustizzja Amminsitrattiva. Dan l-appell ghandu jigi prezentat lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-ahhar decizjoni, imsemmija fis-subartikolu (2), mehuda mill-Kummissarju*.

Jigi osservat ukoll, u dana peress li hawn si tratta ta' imposizzjoni ta' dazju fuq *frozen boneless beef* li gie impurtat fl-2005 u fl-2006, u quindi qabel il-holqien ta' dan it-Tribunal, li dritt ta' appell minn decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi, fiz-zmien il-Kontrollur tad-Dwana, kien jezisti wkoll qabel id-dhul fis-sehh tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk qabel il-holqien ta' dan it-Tribunal. In effetti l-Artikolu 9 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta kif kien fis-sehh qabel ma gie sostitwit bis-sahha ta' l-Avviz Legali 336 ta' l-2010, ukoll kien jipprovdi ghal tali dritt ta' appell.

Fi kwalunkwe kaz, anke kieku stess tali dritt ma jkunx provdut b'mod specifiku fil-Ligi jew Ligijiet applikabbli ghall-materja in ezami, id-dritt ta' rikors ghal quddiem dan it-Tribunal ghall-finijiet ta' revizjoni ta' att amminsitrattiv jinsab illum stabbilit bil-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn fl-Artikolu 5 ta' dak l-Att hemm dispost li t-Tribunal ta' Revizjoni Amminsitrattiva *jista' jirrivedi atti amministrattivi*

*istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull ligi ohra, u bl-iskop ta' l-ezercizzju ta' kull kompeteza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva b'din il-ligi, jew xi ligi ohra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-sehh dan l-Att.*

Dan kollu appena osservat però ma jfissirx li kull tip ta' kontestazzjoni ghal decizjoni ta' Kap ta' Dipartiment tal-Gvern ghandha u trid bilfors tigi imressqa quddiem dan it-Tribunal. Il-proceduri specjali stipulati fis-sistema procedurali nostrali ghandhom jibqghu jigu osservati nonostante l-holqien ta' dan it-Tribunal u dana anke fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta: *t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiv ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt. <u>It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amminsitrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima</u>[7].*

Minn dan l-artikolu tal-Ligi fil-fatt johrog car li f'kaz li già jkun hemm Qorti jew Tribunal Amministrattiv iehor li jkun qieghed jiehu konjizzjoni tal-vertenza bejn il-privat u l-awtorità pubblika, allura dan it-Tribunal ma jkunx kompetenti biex jiehu konjizzjoni dik it-tilwima partikolari. Dana fil-fatt huwa l-qofol kollu tal-kwistjoni odjerna.

Ta' importanza ghall-kwistjoni in ezami huma l-osservazzjonijiet li ghamlu l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Direttur Generali tax-Xoghlijiet v. John Mousù, Appell Civili 207/02** deciza fl-20 ta' Ottubru 2003 u l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **World Wide Import/Export Company Limited v. Kontrollur tad-Dwana, Rikors Nru. 48/05** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Lulju 2005, dwar in-natura partikolari tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kaz fl-ismijiet **Direttur Generali tax-Xoghlijiet v. John Mousù** l-Qorti ta' Prim' Istanza kienet cahdet it-talba ta'

---

[7] Sottolinear tat-Tribunal.

John Mousù, avvanzata b'Rikors ai termini ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, biex l-interpellazzjoni ghall-hlas da parte tad-Direttur Generali tax-Xoghlijiet tigi dikjarata infondata, in bazi ghall-konsiderazzjoni li dik il-procedura minnu adottata ma kenitx korretta. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) annullat u hassret dik id-decizjoni ghaliex *is-subinciz (1) ta' l-imsemmi Artikolu 466 jiddisponi illi meta kap ta' dipartiment tal-Gvern irid jagixxi ghal hlas ta' kreditu dovut lid-dipartiment huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni mahlufa quddiem ir-registratur u jikkonferma li d-debitu huwa dovut. In forza tat-tieni subinciz, imbaghad, tali dikjarazzjoni trid titwassal lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju. Fl-istess subinciz jinghad li d-dikjarazzjoni hekk mahlufa jkollha l-effett ta' gudikat moghti minn qorti kompetenti "kemm-il darba d-debitur fi zmien ghoxrin jum minn notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda nfondata". L-appellant segwa ritwalment dan il-provvediment tal-ligi. Eppure l-ewwel Qorti dehrilha illi l-procedura maghzula minnu ma kenitx dik idonea w invece optat ghall-Artikoli 154, 171(1) u 175(1) tal-Kap.12. Disposizzjonijiet dawn li jirreferu ghall-procedimenti permezz ta' citazzjoni jew avviz u ghall-korrezzjoni ta' l-atti. Bir-rispett kollu lejn il-veduta ta' l-ewwel Qorti kien ikun zbaljat l-appellant kieku proprju ghazel il-forma procedurali accennata minn dik il-Qorti. Dan ghar-raguni semplici, u daqstant iehor ovvja, illi fejn procedura tkun artikolata f'disposizzjoni partikolari u preciza hija din li jmessja tkun adottata[8]. F'dan il-kaz, u dan jghodd ghal kazijiet kollha ta' din ix-xehta, il-procedura konsentita kienet inbdiet bl-att gudizjarju u dikjarazzjoni guramentata ta' l-appellat. Kull ma ghamel l-appellant kien li jsegwi l-iter hekk inizzjat billi jipprocedi bil-kontestazzjoni tieghu permezz ta' rikors skond kif dettat fl-artikolu 466(2) surreferit[9]. Artikolu dan tramandat minn certi disposizzjonijiet tal-Proklama numru 1 ta' l-1815 u li jahseb ghall-procedura specjali favur il-kapijiet dipartimentali tal-Gvern ghall-irkupru ta' flejjes dovuti lid-dipartimenti taghhom. Artikolu li gie wkoll bosta drabi*

[8] Sottolinear tat-Tribunal.
[9] Sottolinear tat-Tribunal.

*emendat sakemm l-Att XXIV ta' l-1995 taffa r-rigorozità tal-procedura li fiz-zmenijiet anterjuri kienet aktar elaborata u rrendiha anqas laborjuza ghad-debitur fil-harsien tad-drittijiet tieghu. Dan naturalment taht l-inkalzar tal-Kostituzzjoni u, aktar u aktar, tal-Konvenzjoni Ewropeja ntrodotta fis-sistema tal-ligijiet taghna fl-1987.*

Fil-kaz fl-ismijiet **World Wide Import/Export Company Limited v. Kontrollur tad-Dwana, Rikors Nru. 48/05** il-Prim' Awla tal-Qorti Civili trattat il-kwistjoni tal-kompetenza bejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-Qorti li taht l-Awtorità Taghha inharget l-ittra ufficjali kontestata f'dawk il-proceduri, u bejn il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, il-Qorti quddiem liema gie pprezentat ir-Rikors mid-debitur in risposta u kontestazzjoni ghall-interpellazzjoni avvanzata bl-ittra ufficjali, fil-kuntest ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkunsidrat li *l-Artikolu 466 imsemmi jindika li t-talba ghall-hlas trid issir quddiem il-Qorti kompetenti, u l-opposizzjoni ghal dik it-talba trid issir lil dik l-istess Qorti. ... Sentenza jew procedura inizjata f'Qorti trid tigi kontestata f'dik l-istess Qorti u mhux quddiem Qorti differenti li m'ghandhiex kompetenza tiehu konsiderazzjoni ta' dik il-materja*[10].

Minn dawn l-insenjamenti johrog car li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta hija procedura partikolari ghall-gbir ta' krediti tal-Gvern u bil-prezentata ta' l-ittra ufficjali quddiem il-Qorti kompetenti, il-vertenza bejn il-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern koncernat u l-privat tkun tressqet u ingabet a konjizzjoni ta' dik il-Qorti. Peress illi l-kontestazzjoni ghall-interpellazzjoni ghall-hlas avvanzata b'dik l-ittra ufficjali hija l-prosegwiment ta' l-iter li jkun gie inizzjat b'dik l-istess ittra, necessarjament isegwi li dik l-interpellazzjoni ghandha tigi kontestata quddiem l-istess Qorti li taht l-Awtorità Taghha tkun inharget dik l-ittra. Meta dan kollu jigi kkunsidrat fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament illi *t-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal*

[10] Sottolinear tat-Tribunal.

*amminsitrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima*, isegwi li dan it-Tribunal hu prekluz milli jiehu konjizzjoni tal-vertenza nascenti minn tali ittra ufficjali.

Ladarba fil-kaz in ezami bil-proceduri odjerni r-Rikorrent qed jikkontesta l-interpellazzjoni ghall-hlas ta' dazju fuq importazzjoni ta' *frozen boneless beef* impurtat fl-2005 u fl-2006 ammontanti ghal €21,707 avvanzata kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxi bl-ittra ufficjali datata 20 ta' Novembru 2009 mahruga ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak kollu iktar 'l fuq osservat jirrizulta li dan it-Tribunal ma ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jisma' u jiddeciedi dan il-kaz.

It-Tribunal jikkonkludi billi jiccita dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **World Wide Import/Export Company Limited v. Kontrollur tad-Dwana, Rikors Nru. 48/05** deciza fil-5 ta' Lulju 2005, dwar talba li saritilha biex tibghat l-atti quddiem il-Qorti kompetenti. Huwa minnu li f'dan il-kaz ma saritx talba simili izda t-Tribunal hu tal-fehma li ghall-fini ta' kompletezza din l-osservazzjoni tigi hawn riprodotta: *li din il-Qorti ma tistax tibghat l-atti lil Qorti differenti, jidher rifless ukoll fil-White Paper mahrug mill-Gvern f'Jannar ta' l-2005, taht it-titolu "Lejn Gustizzja Ahjar u Ehfef". Dak il-White Paper jikkontjeni diversi proposti ghall-emendi fil-ligi tal-procedura, u tressaq bhala "dokument ta' konsultazzjoni". Fost is-suggerimenti ghall-bidla fil-kamp civili jinghad hekk, fl-ahhar tal-Punt numru 2: "Hekk ukoll f'kaz li ghal xi raguni jew ohra kawza tigi intavolata bi zball quddiem Qorti u mhux ohra, jew quddiem xi tribunal, il-kawza tigi trasferita quddiem il-Qorti jew tribunal kompetenti, minghajr il-bzonn ta' proceduri godda." Wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' dan is-suggeriment, però, jibqa' l-fatt li sa' illum, din il-procedura mhix permessa u minghajr awotirzzazzjoni gudizzjarja, din il-Qorti ma tarax li tista' tordna li din il-kawza tmur quddiem Qorti ohra b'kompetenza differenti. Il-kompetenza "ratione materiae" jew "ratione valoris" hi ta' ordni pubbliku, u lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet (ara "Borg v. Vassallo" deciza mill-Onorabbli Qorti*

*ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Dicembru 2003), u din il-Qorti m'ghandhiex setgha legali biex tibghat hi kawza quddiem Qorti ohra. Din il-Qorti tista' tiddeciedi biss fuq il-kompetenza taghha, però, la tista' tiddeciedi hi fuq il-kompetenza ta' Qorti ohra, u lanqas tibghat l-atti quddiem Qorti ohra li hi jidhrilha li hi kompetenti.*

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal, filwaqt illi fid-dawl ta' dak provdut fl-Att XXII ta' l-2011 jordna li l-okkju tal-kaz, ir-Rikors promotur, ir-Risposta relattiva u l-atti l-ohra kollha tal-kaz jigu korretti fis-sens illi l-kliem "Kontrollur tad-Dwana" jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "Kummissarju tat-Taxxi", jiddikjara li ma ghandux il-gurisdizzjoni necessarja biex jisma' u jiddeciedi l-kaz imressaq quddiemu mir-Rikorrent u ghaldaqstant jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------